# FIT-TEMPJU TAN-NATURA

*Għaddiet bil-ħlewwa ż-żiffa qalb il-ġiżi*
*u l-qronfol ta' ġol-ġnien, u resqet lejja*
*bil-fwieħa mħallta: biż-żegħil imfewwaħ*
*ħajritni nidħol hekk kif waslet ħdejja.*

*Waħdi kont qiegħed dak il-ħin: u jiena*
*waqaft, għal ftit, bla ma weġibt għas-sejħa,*
*mitluf, kif kont, fil-ħolm ta' għana ħelu,*
*f'seħer ta' lwien tal-Poeżija sbejħa.*

*Imbagħad żiedet il-fwieħa; u jien, imħajjar,*
*Ma stajtx ma mmurx għal dina l-istedina.*
*Bil-mod il-mod bdejt nersaq lejn il-ġnejna*
*waqt l-aħħar tislimiet tax-xemx ħanina.*

* * *

*Wasalt. Fil-bieb, bil-ħlewwa*
*laqgħuni l-fwejjaħ kollha:*
*magħhom ukoll il-fewġa li stednitni*
*bil-qalb mellsitni*
*waqt li bdejt dieħel.*

*Oh x'ħemda kienet f'dik il-ġnejna msaħħra*
*mill-ġmiel u l-fwieħa! Harist madwari*
*u rajt il-ward bħal f'nagħsa*
*ħelwa, miġbura,*
*wara l-bews tax-xemx li magħhom*
*titħabbeb tul il-jum.*
*Niżlet ix-xemx: u issa ntelqu. B'rashom*
*lejn l-art imniżżla,*
*fis-skiet qegħdin jitolbu. Mat-tislima*
*ħierġa minn qalbhom*
*u minn fommhom, bl-akbar qima,*
*il-fwieħa bħal inċens fit-Tempju t'Alla;*
*u minn hemm tinxtered,*
*tfewwaħ u bnina,*
*ma' l-irjieħ tad-dinja. Żdiedet*
*il-ħemda... u jien bqajt miexi*
*bla ma ħabbatt riġlejja...*

*Oh għaġeb kbir fil-ħemda tan-Natura!*
*Kif kont miġbur*
*mal-ward fit-talba siekta,*
*instama' l-għana ħelu tal-għasafar*
*minn fuq is-siġar; u minn hemm ittajjar,*
*bħal innijiet imqaddsa,*
*mat-talb u l-fwieħa mħeġġa.*
*U f'dak il-ħin għażiż*
*ta' skiet qaddis jien għidt: "Oh tempju mbierek*
*fejn kull fl-għaxija*
*imħeġġeġ u sabiħ,*
*isir it-talb lil Alla!"*

* * *

*Kif xegħlet ruħi, man-Natura msaħħra,*
*jiena wkoll fil-ġnejna*
*qgħadt għarkobbtejja; u mal-ward imfewwaħ,*
*b'rasi 'l isfel bħalhom,*
*tlabt lill-Mulej bil-qalb*
*u bl-akbar qima.*

Dun Frans Camilleri.